**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru 2020.**

**Rikors nru: 150/2018 AGV**

**Ab**
**Vs**
**Cb**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB tal-5 ta' Gunju 2018**,** fejn ppermettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti li hija cittadina mill-Belarus iccelebrat zwieg civili, ma zewgha l-konvenut fit-28 ta' Gunju 2004 skont certifikat hawn anness u mmarkat **Dokument A**.

2. Illi matul iz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom zewgt itfal, it-tnejn ghadhom minuri, D ta' 13 –il sena u E, ta' 3 snin ara **Dokument B u C** hawn annessi. Il-minuri t-tnejn twieldu Malta; minn meta twieldu dejjem ghexu Malta u huma t-tnejn cittadini Maltin u ddomiciljati Malta.

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrimmedjabbilment minhabba adulterju, swat, eccessi, sevizzi u ingurji gravi attribwibli unikament ghall-agir tal-intimat kollox kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

4. Illi in oltre l-intimat ghandu l-vizzju tad-drogi kif ukoll dak tal-alcohol u fil-kaz tal-vizzju tad-drogi u kien stqarr mal-esponenti f'okkazzjoni meta kien fis-sakra sewwa illi kien ilu jbghati minn dan il-vizzju sa minn meta kellu 16 –il sena u ghadu b'dan il-vizzju u dak tal-alcohol sfrenat sal-lum stess, tant illi jirritorna d-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu dejjem fis-sakra tista' tghid kwazi kuljum. In oltre gieli sahansitra qatta' granet shah jorqod barra u jirritorna d-dar tard filghodu u sahansitra xi drabi anke wara nofsinhar. Meta gieli cemplitlu l-esponenti meta ma kienx jirritorna d-dar biex jorqod, sabiex tara fejn kien u kienx ser jirritorna d-dar. Gieli kienet tisma' vucijiet ta' nisa waqt il-konversazzjoni telefonika.

5. Illli ghalkemm l-esponenti ghamlet hilitha biex is-separazzjoni ta' bejniethom tkun wahda konsenswali u mhux wahda gudizzjarja, dan kien kollu ghal ta' xejn ghaliex zewgha huwa determinat illi mhux biss iccahhadha mill-kura u l-kustodja ta' wliedha izda sahansitra illi jipprokura t-tkeccija taghha minn Malta bl-assistenza tal-Pulizija li huwa jallega illi ghandu hafna sahha maghhom u dawn jimxu skont ma jiddetta hu. L-esponenti qieghdha tannetti bhala **Dokument D** tlett ittri li hi bghattet bejn il-bidu ta' din is-sena u d-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors fejn permezz tal-legali taghha talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex

irressaq lil zewgha quddiem il-Qorti Kriminali akkuzat talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq martu kif ukoll ta' theddid, "bullying" u simili. L-esponenti qieghdha tezebixxi wkoll bhala **Dokument E** sett ta' ritratti tal-feriti gravi ikkagunati lill-esponenti minn zewgha f'Jannar ta' din is-sena kif ukoll certifikat mediku fejn il-feriti sofferti mill-esponenti gew iddikjarati bhala ta' natura gravi, **Dokument F**.

6. Illi l-esponenti giet awtorizzata tiftah dawn il-proceduri wara li nnizjat il-medjazzjoni opportuna u dana ai termini tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-12 t'April 2018 **Dokument G** hawn anness.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli unikament ghall-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D u E esklussivament f'idejn l-esponenti b'dan illi l-minuri jirrisjedu mal-esponenti li tkun tista' tiehu hi u wahidha d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawn ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno tal-passaport minghajr il-htiega tal-firma tal-intimat zewgha.

3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghaz-zewg ulied u dana sakemm il-minuri jaghlqu 18 –il sena jew f'kaz li jkunu ghadhom jistudjaw full-time sa massimu ta' 23 sena, jekk ikun il-kaz b'dan illi wkoll tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti dan il-manteniment sad-data kif spjegata izjed 'l fuq u liema manteniment jizdied biex ikun jikkorrispondi ghall-bzonnijiet

taghhom man mano li jikbru u sakemm jieqaf id-dritt taghhom li jigu mantenuti mill-kontendenti, liema manteniment ikun jinkludi wkoll il-bzonnijiet tas-sahha u edukazzjoni taghhom it-tnejn. Kwalunkwe ordni li din il-Qorti taghti fir-rigward tal-manteniment mitlub ghandha tigi mnaqsa direttament mis-salarju tieghu.

4. Tiddikjara illi c-children's allowance u kwalunkwe allowance ohra li tinghata mill-gvern jew kwalunkwe awtorita' ohra bhala children's allowance jew ghotja/bonus tal-familja tibda tigi ppercepita unikament mill-esponenti.

5. Tordna lill-intimat ihallas manteniment lill-esponenti li m'ghandhiex impieg anke minhabba l-fatt li l-intimat hekk dejjem ordnalha kif ghadu sal-lum hekk jaghmel u dana anke billi l-intimat u negozjant u jopera hanut bar and restaurant gewwa Triq it-Torri tas-Sliema bi qliegh sostanzjali u liema ammont l-intimat ikun obbligat jghaddi lill-esponenti ghall-bzonnijiet taghha permezz ta' standing order jew bank draft.

6. Tiddikjara illi bl-agir tieghu u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors l-intimat iddekada minn kwalunkwe dritt li jitlob manteniment minghand l-esponenti.

7. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti f'zewg porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati wahda lil parti u l-ohra lill-parti l-ohra u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominati ghal dan l-iskop.

8. Tistabbilixxi d-data ta' meta l-intimat sar unikament responsabbli li kisser dan iz-zwieg b'mod irrimedjabbli.

9. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut dak imsemmi fl-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Tiddikjara u tiddeciedi illi fid-dar matrimonjali, proprjeta' parafernali tal-intimat u bl-indirizz 24, Blue Danube, Triq il-Muzika, l-Iklin ghandha tghix unikament l-esponenti flimkien ma' uliedha u dan ad esklussjoni ta' zewgha li ghandu jigi ghaldaqstant imkecci mill-istess fond, b'dan il-fond ma jibqghax jigi kkunsidrat bhala d-dar matrimonjali.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, naqas milli jippresenta r-risposta guramentata tieghu, u ghalhekk il-Qorti ddikjaratu kontumaci.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

Rat li l-attrici, minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti, sahansitra fis-sottomissjonijiet taghha, ressqet provi godda, liema provi qed jigu skartati kompletament mill-Qorti.

**FATTI**

1. L-attrici kienet giet hawn Malta fl-2002 ma' grupp ta' zeffiena li kellhom jahdmu ghal tlett xhur go post f'Bugibba. Kien hawn li ltaqghet mal-konvenut. Meta rritornat lura lejn Belarus, kienet baqghet tikkomunika mal-konvenut u kienet baqghet gejja u sejra lejn Malta ghal xi sena u nofs. Tghid li tul dan il-perjodu kienet indunat li l-konvenut kien ihobb jixrob u kien hemm drabi li kien jisker, izda kien imur jorqod u ma jaqlax inkwiet.

Tikkonferma li kienu zzewwgu fit-28 ta' Gunju, 2004 u minn dan iz-zwieg kienu twieldu zewgt itfal D li twieled fil-31 ta' Ottubru, 2004 u ghaxar snin wara, precisament fit-3 ta' Novembru, 2014 kien twieled il-minuri E

L-attrici tkompli tghid li wara li twieled l-ewwel wild taghhom, ir-relazzjoni bejniethom ma baqghetx l-istess. Il-konvenut kien beda johrog hafna u jidhol tard u dan beda jigri prattikament kuljum. Tispjega li kien hemm zmien meta kienet ser tmur Belarus biex tara lill-familja u kienet sabet *chat* fuq il-kompjuter tal-konvenut, fejn kien jidher li kien hemm certi kunfidenzi bejnu u s-segretarja tal-kumpanija fejn kien jahdem certu F. Il-konvenut kien innega kollox u anke ghamel ta' bir-ruhu li kien hassu hazin, izda mbaghad kien mar igib il-qassis biex jipprova jirrangahom.

Waqt li kienet Belarus kien ghaddielha minn mohhha li titilqu, izda kienet bidlet fehmitha minhabba li t-tifel kien ghadu zghir. Izda l-affarijiet qalbu ghall-aghar meta kien beda jahdem f'stabbiliment f'Paceville, La Cascata. Kien beda jixrob izjed u jdum izjed. Kellha suspetti li kien qieghed jittanta n-nisa, kif ukoll jabbuza mill-kokaina. Tghid ukoll li l-konvenut kien ammetta maghha li kien ilu jabbuza mid-droga minn mindu kellu 16-il sena.

Fl-2007, il-konvenut kien beda jahdem bhala manager fir-restaurant Ta' Pina f'Tas-Sliema u xi sena wara kien kera l-hanut hu u biddel ir-restaurant ghal L'Aroma. Minkejja li kienet tmur tghinu l-hanut, kienu jiggieldu hafna, ghaliex il-konvenut kien jiffrekwenta l-lap dancing club li kien jinstab taht ir-restaurant u kien jispicca jisker ta' sikwit u kien anke sahansitra beda t-theddid. Tant kien ikun fis-sakra li lanqas kien jirnexxielu jitla' t-tarag.

L-attrici tkompli tghid li darba f'sena kienet tmur il-Belarus u sakemm kienet tkun imsiefra, il-konvenut kien imur fuq il-jottijiet man-nisa, kien jorganizza barbecues id-dar taghhom, kif ukoll kien jiffrekwenta nisa mill-Ukraina u dan kollu kienu jikkonfermawulha hbieb taghha.

Kien biss bejn l-2012 u 2013, li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet qalbet ghall-ahjar. Ir-restaurant kien sejjer tajjeb u kien ried li jkollhom tarbija ohra u fl-2014 kienet harget tqila bit-tieni tarbija u ma baqghetx tmur tghinu fir-restaurant. Lanqas ma kien ighinha bit-tfal. Kienu jargumentaw ta' kuljum u dan minhabba li hafna drabi kien ikun fis-sakra, minhabba li kien jiffrekwenta hafna nisa u peress li kien jheddidha. Kienet bdiet tibza' li ried joqtolha u meta kien jibda jheddidha kienet tmur tistahba fil-karozza, L-ahhar li kien gera warajha bit-theddid ta' qtil kien fl-4 ta' Novembru, 2017 fit-3 am.

F'Jannar, 2018 kien sehh incident, fejn il-konvenut kien cempel lill-attrici u riedha titlaq mid-dar matrimonjali. Mar id-dar u kien hebb ghaliha u kienu ndahlu l-pulizija. Tghid li l-konvenut kien ikkonvinci lit-tifel taghhom ta' 13-il sena sabiex jigdeb u jghid li ma kienx minnu li l-konvenut kien taha daqqa ta' ponn u li l-attrici kienet weggghat ghax waqghet.

Kienet iddecidiet li tmexxi b'separazzjoni, meta l-konvenut kien baqa' jiffrekwenta l-*gentleman's club* li kien jinstab taht ir-restaurant taghhom, Dan wassal biex il-konvenut beda relazzjoni ma' wahda mit-tfajliet li kien hemm f'dan il-post, certu Ana mis-Serbia. F'Awwissu, 2018, il-konvenut mar ighix ma' din Ana.

**Assi**

L-attrici tispjega li fl-2003, ftit qabel ma zzewwgu, il-konvenut kien xtara d-dar matrimonjali fl-Iklin u kien ha loan. Tghid li ma kinitx f'posizzjoni li tghid x'kien l-ammont tal-loan li ttiehed, ghaliex kien jiehu hsieb kollox il-konvenut. Tikkonferma li presentement kollha jghixu fid-dar matrimonjali. Bhala tibdiliet ta' mobbli fid-dar tghid li kienu s-segwenti :-

i) Ensuite bathroom - €4,000
ii) Main bathroom - €4, 000
iii) Sufan - €1, 800
iv) Tibjid fid-dar - €5,000
v) Kcina - €20, 000
vi) Sufan reclining - €1, 030

Tghid ukoll li l-konvenut kien jixtri diversi vetturi, izda ma kienx ipoggihom fuq ismu, izda f'isem kumpanija ta' habib tieghu. Wara li zzewwgu tghid li l-konvenut kien xtara Land Rover, Honda kbira, Volkswagen Golf, Peugeot 106, convertible BMW blu u ohra bajda, Smart u cross over Peugeot 3008, li partat ma' Chevrolet Captiva fl-2014 ghall-valur ta' €35, 000. Kien biegh Range Rover, ftit qabel ma fethet il-proceduri ta' separazzjoni, kif ukoll ic-Chevrolet li kienet tuza' hi. Illum tikkonferma li l-konvenut isuq Ford Focus.

L-attrici tikkonferma li llum in-negozju tar-restaurant L'Aroma sejjer tajjeb hafna u kienet indunat mill-ammonti ta' flus li l-konvenut kien igib id-dar. Tispjega ukoll li kien ighaddilha €300 kull gimgha, kif ukoll bejn €250 u €300 kull gimaghtejn ghax-xirja. Il-Qorti kienet ordnatilha ukoll li

jhallas €500 kull xahar bhala manteniment ghat-tfal, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

2. GH, gara tal-partijiet, tghid li kienet tara lill-attrici twassal lit-tfal l-iskola, Kienet izzomm id-dixxiplina u gieli kienet tismaghha tghajjat mat-tifel il-kbir minhabba l-homework. Tispjega li kienet saret tafhom meta kienu marru jghixu hdejha fl-2004 u tiddeskrivi lill-attrici bhala persuna misthija, izda tattribwixxi dan ghall-fatt li l-attrici kienet barranija u seta' kellha problema ta' komunikazzjoni.

Meta l-attrici kienet tkun imsiefra kienet indunat li l-konvenut kien jorganizza barbecues ghal shabu, li kienu jdumu u kien ikun hemm hafna storbju, dahk u muzika tghajjat.

Ix-xhud tispjega li qatt ma kienet tkellmet mal-konvenut, pero' setghet tikkonferma li kull meta kien ikun id-dar kienet tinduna peress li kien ighajjat mal-attrici u kienet tisma' lit-tfal jibku. Tikkonferma ukoll li kien hemm zmien meta kienet rat lill-konvenut fis-sakra.

Ftit xhur ilu tistqarr li kienet semghet hafna ghajjat fis-sieghat bikrin ta' filghodu u kienet indunat li kien hemm karozza tal-pulizija, Meta kienet iltaqghet mal-attrici l-ghada filghodu kienet indunat li kellha tbengil madwar ghajnejha u kienet stqarret maghha li l-konvenut kien refa' idejh fuqha.

2. IJ, tghid li kienet iltaqghet mal-partijiet fl-2005 peress li kellhom habib komun. Mill-ewwel kellha grazzja mal-attrici u tghid li kienet indunat li ma kellhomx relazzjoni facili, ghax il-konvenut kien jidher aggressiv, kien xurban u kien kissrilha l-mobile.

Maz-zmien kienu saru hbieb u kienu johorgu bit-tfal sal-bandli jew jitlaqghu ghall-eghluq sninhom. Izid tghid li l-attrici kienet persuna li kienet thobb tqatta' hafna hin id-dar mat-tfal u kienet tahdem ukoll fir-ristorant taghhom.

Illum, tghid li l-attrici hija wahda mill-aqwa hbieb li ghandha u tiftah qalbha maghha billi tilmenta li l-konvenut kien jidhol lura d-dar tard u fis-sakra u qaltilha ukoll li kienet sabitlu xi droga, izda kienet tibza' tikxfu. Tikkonferma li darba hija u l-partner taghha kienu f'Level 22, Night club il-Hilton u kienu raw lill-konvenut joffri l-kokaina lill-shabu, inkluz il-partner taghha.

Meta kienet tghix barra minn Malta ghal xi hames snin, xorta baqghet in kuntatt mal-attrici u tghinha minhabba l-problemi taghha sakemm fl-2017 kienet talbet ghad-divorzju.

Il-konvenut kien beda jkun vendikattiv maghha u kien hadilha l-karozza . Kien ikun vjolenti u pastaz anke quddiem it-tfal.   Issemmi li fl-2018 kien hemm incident fejn il-konvenut kien hebb ghaliha u spiccaw il-Qorti.

Ix-xhud tghid li l-konvenut kien wahhal fiha li sfaxxa z-zwieg u kien kontinwament iheddidha li ma thossix sikura, tant li kellha taghmel rapport lill-pulizija.

3. KL habiba tal-attrici, tghid li kienet iltaqghet l-ewwel darba maghha fl-2009 meta marru jieklu fir-ristorant li kienu jiggestixxu l-partijiet. Taf lill-attrici bhala persuna tajba, li tiehu hsieb il-familja u zzomm id-dar nadifa. Ma tantx kienet it-tip li taghmel hafna hbieb, Meta saret tafha sew tghid li

l-attrici kienet tilmenta dwar il-wild D peress li ma kienx ihobb jaghmel il-homework u ma kienx obbedjenti.

Izid tghid li darba kienu marru, hija, l-attrici kif ukoll il-habiba taghhom I sal- 22 club u minhabba f'hekk, il-konvenut kien ghamel xenata mal-attrici ghax fil-fehma tieghu kienet zifnet ma' nies li ma kinitx taf. Kienu marru jkellmuh hi u zewgha biex jikkalmawh, izda kienet hasset li kien sab skuza b'dan l-incident ghax kien ammetta maghha li ma kienx ghadu jhobb lill-attrici. L-attrici kienet taf b'dan peress li kienu ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimi bejniethom.

4. MN, habiba tal-attrici, tghid li l-attrici kienet tiftah qalbha maghha u tghidilha dwar il-problemi fiz-zwieg taghha, li l-konvenut kien jidhol id-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu fis-sakra. Kien hemm problema li l-konvenut kien jabbuza mid-droga u kien isir aggressiv u kien hemm problemi ukoll ta' infedelta' u kien ihobb jiffrekwenta *strip clubs*.

Kien hemm xi zmien li kien jidher li r-relazzjoni bejniethom kienet tjiebet u kien f'dan iz-zmien li l-attrici kienet regghet harget tqila. Pero', ix-xhud tispjega, li tul it-tqala, l-attrici kienet depressa, ghax kienet saret taf li l-konvenut kellu relazzjoni ma' wahda mill-waitresses tar-ristorant. Wara li welldet it-tarbija, tispjega li l-attrici kienet ghamlet bejn sentejn u tlett snin, prattikament dejjem id-dar.

Ziedet tghid li l-attrici riedet divorzju u dan wara incident li sehh meta kienu qed jiccelebraw il-birthday tat-tifel minuri tal-partijiet ir-ristorant taghhom. Il-konvenut beda jghajjat quddiemhom u quddiem in-nies fir-ristorant. Kien kompla bix-xenata meta mar id-dar, tant li bezza' lit-tfal.

Tikkonferma li kien hemm incident iehor fl-14 ta' Jannar, 2018 meta l-konvenut kien hebb ghall-attrici waqt argument u kellhom jintervejnu l-pulizija.

5. Joseph Debono, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-kapacita' tieghu ta' Senior Principal Officer spjega li min jaghmel kontribuzzjoni ta' €65.78 fil-gimgha huwa mehtieg li jaqla' paga ta' l-anqas €22,084 tul is-sena 2017, mill-introjtu tas-sena 2016.[1] Dan huwa 15% mill-profit.

6. Dr. Shaun Apap Meli, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-kontribuzzjonijiet li jhallas il-konvenut jaqghu taht id-Dipartiment tieghu.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

**<u>ADULTERJU</u>**

Illi l-attrici thoss li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-firda taghhom u dan peress li rrenda ruhu hati ta' adulterju. Iz-zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

[1] Ara Dok. SP 1 u JD 1

Di fatti, il-gurisprudenza tal-qrati taghna hum acari u univoci f'dan ir-rigward. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti rriteniet li:-

"*… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

**<u>ECCESSI, SEVIZZI, SWAT U INGURJI GRAVI</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence**

**Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[2]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi***

[2] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003

***esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[3]

Peress illi l-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attrici, u dan billi l-konvenut kien gie ddikjarat kontumaci, dawk il-provi mhumiex kontradetti u l-Qorti ghalhekk ser tikkunsidrahom bhala l-verita'. Mill-provi prodotti l-konvenut jidher li huwa persuna li qatt ma mmatura u refa' r-responsabbilitajiet tieghu fil-konfront ta' familtu. Sakra, iljieli barra, nisa, *strip clubs,* kif ukoll droga huma l-hajja tipika tal-konvenut. L-attrici tikkonferma li kien jahdem f'diversi stabbililmenti ta' divertiment u mbaghad beda jahdem gewwa ristorant, li mbaghad beda jmexxi hu. It-tip ta' hajja li kien ighix gie kkonfermat minn diversi xhieda prodotta mill-attrici, li hi stess ukoll ikkonfermat li llum jinstab f'relazzjoni ma' wahda mill-waitresses li kienet tahdem ir-ristorant taghhom.

L-abbuz tal-kokaina wasslu sabiex il-konvenut kien ikun aggressiv ma' martu u anke kien refa' idejh fuqha. L-attrici pproduciet ritratti tal-griehi li kkagunalha.

Din kienet hajja li ghajjiet lill-attrici, li kienet thobb il-gabra, izda l-konvenut kien iktar mohhu fid-divertiment u fl-affarijiet frivoli. Il-girien stess xehdu li kienu jisimghu hafna ghajjat u glied tard bil-lejl u din kienet haga li kienet tigri ta' sikwit.

[3] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

B' dawn l-atteggjamenti certament hemm ragunijiet sufficjenti sabiex il-konvenut ikun hati tas-separazzjoni minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, ingurji gravi u swat.

**KURA U KUSTODJA**

Fil-mori tal-proceduri, l-partijiet kienu waslu ghall-ftehim in kwantu jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri. Il-kura u kustodja ghandha tinqasam fil-mod segwenti, it-tifel minuri E ghandu jigi fdat eskluzzivament lill-attrici u l-access ghandu jigi ezercitat mill-konvenut li ghandu jigbor u jirritorna l-istess minuri fir-residenza tal-attrici. Filwaqt li l-minuri D ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja tal-konvenut u l-attrici ghandha jkollha access ghalih kull nhar ta' Gimgha bejn l-10.30 am u l-4.00 pm, fejn ghandha tigbor u tirritorna l-istess minuri fir-residenza tal-konvenut.

Id-decizjonijiet rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri ghandhom jittiehdu flimkien bejn il-partijiet.

**MANTENIMENT**

Ghal darb' ohra l-partijiet ftehmu li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' €200 kull xahar fil-konfront tal-minuri E, flimkien ma' kwalsiasi spejjes ohra relatati mat-trobbija tal-istess minuri. Dawn kollha ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

L-attrici ghandha tibqa' tippercepixxi c-childrens allowance ghal dak li jirrigwarda l-minuri E, filwaqt li dak li jikkoncerna l-minuri D ghandu jibqa' ppercepit mill-konvenut.

Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu 18-il sena jew jahdmu jew sakemm jaghlqu 23 sena kemm il-darba jibqghu jistudjaw u m'ghandhomx impjieg full-time.

L-attrici llum ma tahdimx, filwaqt li l-konvenut jiggestixxi r-ristorant L'Aroma, f'Tas-Sliema, minn fejn l-introjtu tieghu jidher li huwa sostanzjali. L-attrici tghid li sakemm bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni, il-konvenut kien ighaddilha €300 fil-gimgha ghal hajja ta' kuljum, kif ukoll kull gimaghtejn kien ighaddilha €300 ghax-xirja. L-attrici ssemmi ukoll li kien hemm digriet tal-Qorti datat 4 ta' Dicembru, 2017 fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €500 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha, pero' fl-istess waqt dan id-digriet illum irid jigi rivedut u dan minhabba l-fatt li l-partijiet waslu ghall-ftehim ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ghall-minuri.

L-attrici resqet provi fuq taxxi ddikjarati mill-konvenut, minn fejn irrizulta li skond il-bolla li qed ihallas il-konvenut, ifisser li l-introjtu tieghu jeccedi s-somma ta' €22, 084 fis-sena. Fl-atti tal-medjazzjoni fil-fatt gewipprezentati diversi prospetti tat-taxxa fejn l-introjtu mill-gestjoni ta' Café' Roma kien ivarja bejn l-€21, 000 u t-30,000.

In vista tal-fatt li l-attrici kkonfermat li l-qliegh mir-ristorant kien wiehed tajjeb u dan ma giex ikkontestat mill-konvenut, stante l-kontumacja tieghu, manteniment ghaliha fis-somma ta' €300 fix-xahar huwa sufficjenti u dan

ghal zmien sena sakemm l-attrici ghandha ssib impjieg u dan tenut kont tal-eta' taghha u l-kapacita' lavorattiva taghha.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

L-attrici tikkontendi li d-dar matrimonjali fl-Iklin, hija parafernali ghall-konvenut. Ghalkemm isemmi li ntefqu diversi spejjez fid-dar matrimonjali in kwantu jirrigwarda mobbli, ma gewx ipprezentati rcevuti, anke jekk kemm il-darba m'hemmx kontestazzjoni da parti tal-konvenut. L-aqwa prova pero' dejjem tibqa' provi dokumentali, sabiex dina l-Qorti tkun tista' tiikkwantifika l-istess assi u sussegwentement tillikwidahom.

L-attrici xehdet ukoll li tul iz-zwieg il-konvenut kien xtara diversi vetturi, izda ma kienx jirregistrahom fuq ismu. Ghal darb'ohra, l-attrici naqset li ttella' bhala xhud lir-rapprezentant tat-Transport Malta biex tipprova dan. Gabet prova biss li kellhom Chevrolet, li kienet isuq hi, izda mbaghad kien bieghha u llum ghadha bla karozza, filwaqt li l-konvenut isuq Ford Focus. Fil-kontumacja tieghu, s'intendi l-konvenut ma gab ebda prova sabiex jirribatti dak allegat mill-attrici, li minn naha taghha mbaghad ipproduciet zewg dokumenti b'dettalji dwar ic-Chevrolet, kif ukoll fuq Isuzu, liema dokumenti jirrizultaw biss li huma dattilografati u ma jindikawx minn fejn inhargu. Ghalhekk din il-provi dwar il-vetturi li jappartjenu lill-partijiet, hija fjakka u ghalhekk difficli biex wiehed jikkalkola sehem l-attrici.

Dwar id-dar matrimonjali, 24, Blue Danube, Triq il-Muzika, fl-Iklin dina tappartjeni lill-konvenut, ciononstante l-attrici qed titlob li tinghata d-dritt li tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali, flimkien mal-minuri E. Diga' mill-ftehim li kien sar dwar il-kura u kustodja, it-tfal ser jinfirdu u ghalhekk il-konvenut ser ikollu lill-minuri D ighix mieghu. Tenut kont tal-fatt li l-

konvenut irrenda ruhu hati tat-tifrik tal-hajja matrimonjali, huwa ekwu u gust li l-attrici tibqa' tghix fl-istess dar matrimonjali vita durante, flimkien ma' binha E.

**DECIDE**

Ghaldaqstant. ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba in parte billi tafda l-kura u kustodja tal-minuri E f'idejn l-attrici, filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri D tigi fdata f'idejn il-konvenut u l-attrici jkollha access kull nhar ta' gimgha bejn l-10.30 am u l-4.00 pm.

   In kwantu jirrigwarda t-talba tal-attrici ghall-hrug tal-passaporti, il-Qorti tichad it-talba.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna l-manteniment ghall-minuri E ikun ta' €200 fix-xahar, inkluz l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, filwaqt l-ispejjes kollha relatati mal-minuri D jigu ssopportati mill-konvenut. Il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu 18-il sena, jew jibdew jahdmu jew sakemm jaghlqu 23 sena jekk jibqghu jistudjaw full-time.

   Il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment ghaliha fis-somma ta' €300 fix-xahar ghal massimu ta' sena sakemm l-attrici ghandha ssib impjieg.

Il-Qorti tordna li l-manteniment dovut ghandu jinqata' direttament mis-salarju tal-istess konvenut.

4. Tilqa' r-raba' talba in parte in kwantu l-attrici ghandha tippercepixxi c-childrens allowance ghall-minuri E, filwaqt li l-konvenut ghandu jippercepixxi l-allowance ghall-minuri D.

5. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-hames talba stante li l-mertu gie deciz fit-tielet talba.

6. Tilqa' s-sitt talba.

7. Tilqa' s-seba' talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti skond kif deciz aktar 'il fuq.

8. Tilqa' t-tmien talba u tiddikjara d-data tal-14 ta' Jannar, 2018 bhala d-data meta l-konvenut irrenda ruhu hati ta' tiksir ta' dan iz-zwieg.

9. Tilqa' d-disa' talba.

10. Tilqa' l-ghaxar talba kif dedotta aktar 'l fuq.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**